MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2014

Talba Numru. 337/2011

**Oscar Calafato**
**(ID 257781M)**
**Vs**
**John Farrugia u Roderick Scicluna (ID 448179M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-25 ta' April, 2011 fejn l-attur talab illi l-esponeneti kellu karozza tat-tip Mazda bin-numru tar-registrazzjoni LAC 613, liema karozza huwa kien ittrasferixxa lill-intimat Roderick Scicluna. Dan it-trasferiment kien sar u konkluz ghand l-intimat l-iehor li huwa l-agent ta' Melita Unipol Insurance Brokers Ltd.

Illi rrizulta sussegwentement illi l-intimati jew minnhom qatt ma ffinalizzaw dan it-trasferiment ma' Transposrt Malta , u dan minghajr ma l-esponenti gie nfurmat dwar dan mill-intimat jew min minnhom. Ghalhekk ad insaputa tieghu, l-esponenti effettivament baqa' jidher bhala l-persuna licenzjata ghall-vettura.

Illi r-rikorrenti gie mmultat hames mija u ghoxrin Ewro (€520) u dan minhabba nuqqas da parti tal-intimati jew minnhom, li ghalhekk ghandhom jigu kkundannati jhallsu l-imsemmi ammont, oltre' l-ispejjez ta' din il-Kawza.

Illi l-konvenut John Farrugia debitament notifikat ipprezenta risposta fejn eccepixxa illi l-konvenut jikkontesta t-talbiet attrici u jeccepixxi li l-istess talbiet huma nfondati fill-fatt u fid-dritt, u dan minhabba ragunijiet elenkati hawn taht;

Illi minghajr pregudizzju, preliminarjament jigi eccepit illi l-esponenti mhuwiex kundradittur fil-kawza odjerna stante li huwa ma kienx il-persuna li xtara il-vettura in kwistjoni , u in oltre' kien qieghed biss jaqdi l-funzjonijiet tieghu bhala impjegat mal-kumpanija Melita Unipol Insurance Brokers Limited, u allura jirrizulta li l-esponenti kien biss xhud tal-firem ta' l-attur u ta' Roderick Scicluna fir-rigward tal-bejgh tal-vettura in kwistjoni;

Illi b'zieda ma' dan l-esponenti qatt ma kellu x'jaqsam ma' xi transazzjoni rigwardanti l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni LAC 613;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suepost jigi sottomess illi jekk tali trasferiment ma giex finalizzat ma' Transposrt Malta , dan kien b' tort unikament ta' l-attur stante li kien hemm pendenzi da parti tieghu rigwardanti l-vettura in kwistjoni, dwar liema pendenzi huwa kien gie infurmat ukoll mill-esponenti;

Illi *se mai,* id-dover kien jinkombi fuq l-istess attur li jizgura li t-trasferiment tal-vettura isir;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Il-konvenut Roderick Scicluna debitament notifikat naqas illi jipprezenta risposta.

Xehed l-attur li spjega illi l-konvenut Roderick Scicluna kien habib tieghu u peress illi kien qallu li ma kellux biex imur ghax-xoghol , l-attur offrielu li jaghtih il-karozza li kellu, Mazda

626 imbasta jiehu hsieb jaghmel it-transfer u kollox ikun sew. Kienu marru ghand il-konvenut John Farrugia peress illi l-insurance tal-attur kien johrogha hu. L-attur u Roderick Scicluna ffirmaw it-transfer u Roderick kellu jhallas xi tletin ewro (€30) u kulhadd telaq. L-attur ga la darba ma rceviex notice biex igedded l-insurance haseb li kien kollox sew. Wara ftit zmien beda jara l-karozza tigri minghand persuna ghal ohra u fl-ahhar ircieva l-ammont ta' citazzjonjiet fuq ismu. Meta mar ghand John Farrugia rrealizza illi t-transfer ma kienx sar.

Xehed rapprezentant tal-Malta Transport Authority . Xehed il-konvenut John Farrugia bhala rapprezentant tal-insurance li kkonferma illi Oscar Calafato u Roderick Scicluna kienu ffirmaw it-transfer quddiemu. Qal illi Roderick kien hallas hdax il-ewro (€11) biex isir it-transfer. Roderick kien wieghed ukoll illi jhallas tletin Ewro (€30) ghal citazzjonijiet li kellha fuqha l-karozza. Izda dawn it-tletin ewro (€30) baqa ma marx bihom. Ghalhekk John Farrugia irrifondielu l-hdax il-Ewro (€11) u t-transfer baqa ma effettwahx. Cahad pero' illi hu ma kienx informa lill-attur b'dan u cahad ukoll illi l-attur ma rceviex notice biex igedded l-insurance tieghu .

F' dan il-kaz jidher illi l-piz biex jaghmel dak li hemm bzonn biex isir it-transfer kien ta' Roderick Scicluna. L-attur ghamel kull ma kellu jaghmel. Il-konvenut ghamlu wkoll billi ccekkja x'hemm pendenzi u rrizulta li kien hemm tletin ewro (€30), izda la darba wara li obbliga ruhu li jhallashom hu, Roderick Scicluna, u dan ma ghamlux allura n-nuqqas huwa ta' Roderick Scicluna u mhux ta' John Farrugia.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut Roderick Scicluna sabiex ihallas is-somma ta' hames mija u ghoxrin Ewro (€520) lill-attur bl-imghax legali mid-data tal-pagament effettiv, filwaqt illi jilqa' l-eccezzjoni tal-konvenut John Farrugia.

Bl-ispejjez tal-Kawza jkunu a karigu tal-konvenut Roderick Scicluna.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------